MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tat-12 ta' Frar, 2013

Appell Kriminali Numru. 470/2011

**Il-Pulizija**
**(Spt. Anthony Portelli)**
**Vs**
**Alexandra Dalmas**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti Alexandra Dalmas detentrici tal-karta tal-identita` numru 31768 (M), quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar is-6 ta' Awwissu, 2011 u fil-gimghat ta' qabel xjentement, laqghet ghandha jew gieghlet lil haddiehor li jilqa` ghandu persuna li kontra taghha hemm ordni ta' arrest ghal reat suggett ghall-piena ta' prigunerija ghal aktar minn tliet xhur, inkella li l-Pulizija Ezekuttiva tkun tfittex sabiex tarrestaha ghal dak ir-reat, jew li tkun harbet wara li tkun giet arrestata ghal dak ir-reat.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-4 ta' Novembru, 2011, li biha,

wara li rat l-artikolu 158 tal-Kap. 9 u wara illi gharblet sew ix-xhieda prodotti quddiemaha, l-Qorti ddikjarat lill-appellanti hatja ta’ l-akkuzi migjuba kontra taghha w ikkundannataha piena karcerarja ta’ tlett (3) xhur.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fil-11 ta’ Novembru, 2011, li bih talbet li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka w tikkancella s-sentenza ta’ l-Ewwel Qorti u minflok tilliberaha minn kull htija w piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti huma s-segwenti w cioe':-
Illi l-Ewwel Qorti ghamlet “error juris” meta sabet lill-esponenti hatja tal-akkuza migjuba kontra taghha u dan peress illi mill-provi prodotti kemm l-element soggettiv kif ukoll dak oggettiv tar-reat in dizamina kienu manifestament mankanti.

F’dan il-kuntest l-esponenti tispjega illi quddiem l-Ewwel Qorti ma’ ngiebet l-ebda prova li r-reat li dwaru nhareg il-mandat ta’ arrest fil-konfront ta’ Cini kien wiehed dwar reat li jgib il-piena ta’ tlett xhur prigunerija jew aktar.

Fit-tieni lok l-esponenti tirrileva illi fid-data tal-hrug tal-mandat ta’ arrest kontra Cini, huwa kien diga` ilu legittimament jirrisjedi fl-indirizz taghha ghal diversi xhur. In effetti peress illi dak l-indirizz kien dak illi Cini ta lill-Pulizija ghall-finijiet tal-helsien mill-arrest tieghu, huwa kien legalment obbligat li jkun u li jirrisjedi hemm hekk u imkien iehor!! Ghalhekk huwa kontro-sens illi l-esponenti tigi misjuba hatja ta’ dan ir-reat meta legalment Cini kien obbligat li jghix hekk hekk. Huwa ghalhekk illi kemm l-element materjali kif ukoll dak soggettiv tar-reat huma nieqsa ghal kollox.

Illi f’kull kaz u minghajr pregudizzju l-piena nflitta kienet wahda manifestament u b’mod ezagerat eccessiva. F’dan ir-rigward ghandu jinghad illi l-piena kienet il-massimu

permissibbli skond il-lgi. Ir-reat in dizamina jgib bhala minimu l-piena ta’ tlett ijiem prigunerija (u f’kaz li l-hati jkun relatat b’parentela mall-persuna mfittxija, huwa jkun ezenti addiritura mill-piena), l-esponenti kellha fedina penali netta u l-partecipazzjoni taghha f’dan il-kaz kienet wahda marginali. Illi ghalhekk fid-dawl ta’ dan kellu zgur li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti kienet ingusta u ezagerata.

**Il-Fatti mill-Istqarrija, mix-xhieda u mir-rikors għall-ftuħ tar-Reġistru**

**L-Istqarrija**

Bħala fatti jirriżulta li, skont l-istqarrija tal-appellanti, hija kienet kemm-il darba ħarġet ma’ Joseph Cini. Hija ftakret li **fid-19 ta’ Lulju 2011 l-Pulizija** kienu wissewha biex ma żżommx lil Joseph Cini għandha. L-appellanti kienet qalet ukoll li Joseph Cini għandu ċ-ċwievet ta’ kull imkien u għalhekk kien irrelevanti jekk iddaħħlux hi fid-dar jew le. Hija kienet ċemplet lill-Pulizija biex tara Joseph Cini setax jorqod għandha wara li kienu serquha. Peress li ma kinux arrestaw lil Joseph Cini allura hija assumiet li ma kienx ‘wanted.’ Meta keinu marru l-Pulizija hija kienet beżgħet tiftħilhom għax ħasbet li dawn kienu armati u kellhom il-klieb magħhom.

**Mir-rikors għall-ftuħ tar-reġistru**

Fir-rikors għall-ftuħ tar-reġistru tal-Qorti, l-Kummissarju tal-Pulizija rrefera għat-tieni mandat li nħareġ minn Maġistrat fil-21 ta’ Lulju 2011 fil-konfront ta’ Joseph Cini. Żied jgħid li l-pulizija kienet ġriet wara Joseph Cini u rnexxielha tarrestah wara li kien għand ċerta Alexandra Dalmas liema persuna kienet twissiet minn qabel li Joseph Cini kien infittex mill-pulizija.

**Mix-xhieda**

Skont ix-xhieda ta’ PS 524 Paul Cassar u ta’ PS 112 Oliver Vella, meta fis-6 t’Awwissu marru biex jarrestaw lil Joseph Cini mid-dar tal-appellanti, hija kienet fil-post u ma fetħitx lill-Pulizija minkejja li damu jħabbtu mal-bieb

għal ħafna ħin. Kien biss wara li l-Pulizija sgassaw il-fond illi l-Pulizija setgħu jipproċedu biex jarrestaw lil Jospeh Cini li kien leħaq ħarab minn fuq il-post. L-appellanti nstabet moħbija ġewwa gwardarobba u kienet arrestata.

Alexandra Dalmas xehdet li hi u Joseph Cini baqgħu jiffrekwentaw lil xulxin u li Joseph Cini mar jgħix magħha fid-dar. Minn Jannar sa Awwissu 2011 kien telaq minn għandha u mar jgħix il-Gwardamanġja u hija marret tgħix miegħu hemm hekk. Hi qatt ma kienet taf li Joseph Cini kien maħrub minn x'imkien jew mill-ħabs. Il-Pulizija ġieli avviċinawha biex jistaqsuha dwar Joe Cini. Darba minnhom il-Pulizija ikkonfermaw li kien qiegħed għandha. Hija qatt ma ħbiet il-fatt li Joe Cini kien jgħix magħha.

Fil-kontro-eżami hija qalet li l-Pulizija beżżgħu lill-klieb tagħha u weġġgħuhom u għalhekk kienet inħbiet fil-gwardarobba. Meta kienet mistqosija jekk qattx kienet imwissija biex ma żżommx lil Jospeh Cini għandha, hija qalet li **l-uniku darba** li kikenet ġiet avżata illi eventwalment jarrestawha jekk Joseph Cini jkun għandha, kien tramite PS 112 illi qal li kienu ngħatawlu struzzjonijiet minn għand l-Ispettur Portelli fejn dana qal li hi kellha tiġi mwissija li jekk Joseph Cini ma jmurx l-għassa tar-Rabat illi huma jerġgħu imorru għandha biex ifittxuh u jarrestaw lilha miegħu. Apparti dik it-twissija li sarithielha **dakinhar s**tess hi qatt ma kellha twissija li ser tkun arrestatha jekk Jospeh Cini jkun fil-kumpanija tagħha.

Mill-kontro-eżami tal-Ispettur Anthony Portelli jirriżulta li Joseph Cini kien ikkomunika miegħu u infurmah li kien ser jgħix ma' Alexandra Dalmas ir-Rabat u dana peress li kienu serquha. Huwa kien qallu li ma kellux problema li Joseph Cini jmur ir-Rabat. Għalhekk l-Ispettur kien ser javża lill-Pulizija tar-Rabat li Joseph Cini kien ser jiċċaqlaq u kien ser jibda jmur jiffirma r-Rabat. Imbagħad Joseph Cini ma baqax imur jiffirma fl-għassa tar-Rabat.

**L-Ewwel Aggravju – Nuqqas ta' preżentazzjoni tal-mandat li jġib il-piena ta' tliet xhur priġunerija.**

Is-sottomissjoni ewlenija tad-difiża hija li ma nġiebet ebda prova li l-mandat li ħareġ fil-konfront ta' Cini kien wieħed dwar reat li jġib il-piena ta' tliet xhur priġunerija.

Issa l-artikolu 158 tal-Kap 9 jgħid kif ġej:

*'158. Kull min, xjentement, jilqa' għandu jew iġiegħel lil ħaddieħor li jilqa' għandu persuna li kontra tagħha jkun hemm ordni ta' arrest għal reat suġġett għall-piena ta' priġunerija għal aktar minn tliet xhur, inkella li l-Pulizija Eżekuttiva tkun tfittex sabiex tarrestha għal dak ir-reat, jew li tkun ħarbet wara li tkun ġiet arrestata għal dak ir-reat, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tlitt ijiem sa tliet xhur.'*

L-elementi ta' dan ir-reat mela huma dawn li ġejjin:

(i) L-element soġġettiv tax-xjenza – li wieħed jaf u jrid;
(ii) L-element materjali: jilqa' għandu jew iġiegħel 'il ħadd ieħor li jilqa' għandu;
(iii) persuna li hemm ordni ta' arrest għal reat suġġett għall-piena ta' priġunerija għal aktar minn tliet xhur

**JEW**

Li l-Pulizija Esekuttiva **tkun tfittex** biex tarrestaha **għal dak ir-reat** jew tkun ħarbet wara li tkun ġiet arrestata **għal dak ir-reat.**

Skont in-Noti tal-Professur Mamo (Notes on Criminal Law page 119):

'concerning the harbouring of other persons it sufficient if it is known that a warrant of arrest has been issued against them **or** that they are **'wanted'** by the Executive Police or they have escaped from arrest, in each case for

an offence liable to imprisonment for a term exceeding three months or to any higher punishment.’

Fiċ-ċitazzjoni d-dispożizzjoni t’hawn fuq tidher **sħiħa inkluża l-parti wara l-kelma ‘inkella’.**

Tassew li fl-atti imkien m’hemm esibit il-mandat tal-21 ta’ Lulju 2011 li għalih saret referenza fir-rirkors tal-pulizija għall-ftuħ tal-Qorti (fol 6 u 7).

Iżda l-appellanti kienet akkużata bid-dispożizzjoni 158 **sħiħa t**al-Kap 9. F’din it-tieni parti, li hija alternattiva għall-ewwel parti, kif jidher mill-partiċella ‘inkella’, huwa biżżejjed li wieħed ikun jaf li l-Pulizija Esekuttiva qed tfittex persuna biex tarrestaha għal reat li jġib miegħu priġunerija ta’ tliet xhur jew aktar. F’din it-tieni parti tal-artikolu 158, huwa biżżejjed li wieħed ikun jaf li l-Pulizija Esekuttiva qed tfittex ‘il xi ħadd għal reat li jġorr miegħu piena ta’ aktar minn tliet xhur.

Issa fix-xhieda tagħha l-appellanti qalet li kien dak in-nhar tat-tfittxija biss li hi kellha twiddiba biex ma żżommx lil Joseph Cini. (Ara s-sommarju tax-xhieda fil-partijiet b’ittri grassi). Iżda fl-istqarrija hija qalet li kellha twiddiba mill-Pulizija **fid-19 ta’ Lulju 2011 li kien qabel is-6 t’Awwissu 2011.** Għalhekk huwa ampjament ippruvat l-element tax-xjenza da parti tal-appellanti.

Huwa ppruvat ukoll it-tieni element imsemmi aktar ‘il fuq.

Għaldaqstant, ġaladarba huma soddisfatti l-elementi kollha tar-reat, il-Qorti qed tiċħad l-ewwel aggravju tal-appellanti.

**It-Tieni Aggravju**

It-tieni aggravju huwa li Joseph Cini kien qed jirrisjedi fl-indirizz li huwa ta lill-Pulizija għall-finijiet tal-ħelsien mill-arrest. Għalhekk, skont l-appellanti, huwa kien obbligat li jgħix hemm.

Il-qofol tal-kwistjoni hawn ma kienx fejn qed jirrisjedi jew fejn kellu legalment jirrisjedi Joseph Cini iżda li fil-mument kruċjali l-appellanti ma fetħitx il-bieb meta ġew il-Pulizija u dan wara li diġa' kienet ingħatat twissija biex lil Joseph Cini ma żżommux fl-indirizz indikat. Hawn kienet qed taħbi lil Joseph Cini u l-Qorti m'hi xejn konvinta li l-appellanti kienet imbeżżgħa.

Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad it-tieni aggravju tal-appellanti.

## It-Tielet Aggravju

L-appellanti tissottometti li l-piena kienet waħda esaġerata meta wieħed jikkonsidra li hija kellha fedina penali nadifa u li hi kellha parti marġinali f'dak li sar.

Il-Qorti, bħala regola ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fl-ammont tal-piena sakemm dan ikun fil-parametri li tagħti l-Liġi. F'dan l-artikolu l-marġni hija ta' bejn 3 ijiem u tliet xhur. Il-Qorti għażlet il-massimu.

Waqt it-trattazzjoni l-Qorti kienet mgħarrfa li l-appellanti diġa' serviet iż-żmien li kellha sservi.

Din il-Qorti wiżnet il-prinċipju li l-Pulizija m'għandhiex tkun imfixkla fil-qadi tad-dmirijiet tagħha. Fil-fehma tal-Qorti, meta tikkonsidra l-fedina penali tal-appellanti, għandu jkun hemm temperament tal-piena li titniżżel fuq il-fedina penali. Għalhekk qed tilqa' dan it-tielet aggravju tal-appellanti kif ser jidher fil-konklużjoni.

## Konklużjoni

Għalhekk il-Qorti qed tirriforma s-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi 'Il-Pulizija versus Alexandra Dalmas' fl-4 ta' Novembru 2011 billi waqt li qed tikkonfermaha fejn sabet lill-appellanti ħatja tal-imputazzjoni dedotta kontriha iżda qed tħassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn

ikkundannata għal piena karċerarja ta' tliet xhur u minflok qed tikkundannaha għal piena karċerarja ta' xahrejn.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------